# Monument lil Franġisk Portelli

Għadu kif wasal Għawdex il-Monument tal-Bronż ta’ Franġisk Portelli. Dan il-monument li nħadem mill-kumpanija Domus Dei ta’ l-Italja, huwa xogħol ta’ l-iskultur Għawdxi, il-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi.

L-istatwa turi lil Franġisk Portelli miexi lejn is-Santwarju Ta’ Pinu bil-kuruna tar-rużarju f’idu l-leminija, waqt li f’idu x-xellugija qed iżomm xbieha tar-Redentur. Dan biex ifakkar fil-messaġġ li ħallietlu l-Madonna Ta’ Pinu: **“Ħabrek biex tkun devot lejn il-pjaga ta’ l-ispalla ta’ Ibni, li kienet magħmula mis-salib, waqt li kien tiela’ għall-Kalvarju, u ħabrek ħalli anke l-oħrajn ikollhom l-istess devozzjoni”**

Din l-istatwa ser titpoġġa fil-ġnien li jinsab fil-bidu taz-zuntier tas-Santwarju, fejn ġa jinsabu l-monumenti ta’ Karmni Grima u Frenċ ta’ l-Għarb. Jonqos biss il-permess tal-MEPA.

Kif jirriżulta mir-reġistru tal-magħmudija tal-Parroċċa ta’ l-Għarb, Għawdex, (vol.IV, pag.71) Franġisk Portelli twieled fis-6 t’Ottubru 1850 u l-għada ġie mgħammed fil-knisja ta’ l-Għarb, mill-Arċipriet, il-Kanoniku Dun Salv Mizzi.

Franġisk miet fl-4 ta’ Frar 1926. Il-fdalijiet tiegħu, wara li damu għal xi żmien midfuna fil-knisja kolleġġjata ta’ l-Għarb, fil-qabar li kien iġib in-numru 29, fis-19 ta’ Marzu 1976 ġew trasportati għall-knisja ta’ Pinu u midfuna fil-kappella tal-Kunċizzjoni. Il-qabar ta’ Franġisk Portelli huwa indikat b’lapida żgħira bil-kelmiet: **“Taħt il-Ħarsien ta’ l-Omm ta’ Alla, l-Mqaddsa Verġni Marija jistrieħ hawn il-Fdal ta’ Franġisk Portelli”.**



*Il-Monument ta’ Franġisk Portelli*



*Don Pasquale Chavez (xellug) jintlaqa’ fl-Oratorju t’Għawdex mid-Direttur ta’ l-Oratorju Fr. Effie Masini*

# Don Pascuale f’Għawdex

Id-disa’ suċċessur ta’ Don Bosco fil-Kongregazzjoni Sależjani, Don Pascuale Chavez, waqt żjara qasira f’Għawdex, nhar il-Ħadd 7 ta’ Diċembru, intlaqa’ fl-Oratorju Don Bosco fejn mexxa Quddiesa u wara ltaqa’ ma’ tfal, żgħażagħ u adulti li jiffrekwentaw l-Oratorju.

Din iż-żjara kienet il-bidu ta’ sena ta’ anniversarji marbuta ma’ l-Oratorju t’Għawdex fosthom il-75 sena mill-Kanonizazzjoni ta’ Don Bosco u egħluq il-75 sena wkoll mill-bidu ta’ l-Ewwel Oratorju f’Għawdex.




***Il-Kumitat tax-Xagħra Association ta’ NSW jixtieq lil kulħadd, speċjalment lill-isponsors u lis-sapporters tagħhom, li attendew għal xi avvenimenti li ġew organizzati u għenuhom kontinwament matul is-sena,***

***Il-Milied u s-Sena t-Tajba mimlija b’kull Barka mis-Sema.***

*Grazzi talli għamiltuha possibbli din is-sena, li jkollna hawn fostna lil Kan Joseph Sultana kif ukoll ngħinu lil Missjunarju Fr George Camilleri SJ, fl-Indja. Dan ta’ l-aħħar seta’ jkompli jagħti l-għajnuna tiegħu lis-Santal Tribals u lit-tfal foqra billi joffrilhom għajnuna medika.*




*Kanonku Michael Borg*

# Ħatra ta’ Rettur għall-Knisja ta’ San Pawl, f’Marsalforn

Il-Kanonku Michael Borg mix-Xagħra inħatar minn Mons. Isqof Mario Grech, bħala Rettur tal-Knisja tan-Nawfraġju ta’ San Pawl, f’Marsalforn, minflok Dun Marjanu Zammit mix-Xewkija li kien ilu jservi din iż-żona għal madwar 32 sena.

Il-Kanonku Borg hu delegat ta’ l-Isqof għal Caritas Għawdex u għal 29 sena kien kappillan fil-Parroċċa ta’ San Lawrenz u Rettur tal-Kappella Sant Anna, fid-Dwejra.

F’kumment lil *The Maltese Herald*, il-Kanonku Borg qal illi Marsalforn jinħtieġ illi jkollu kommunità b’identità tassew Nisranija li tkun lesta tilqa’ l-ammonti kbar ta’ Maltin li jżuru Marsalforn fi tmiem il-ġimgħa, partikularment matul iż-żmien tas-sajf. Dawk kollha f’Marsalforn għandhom isibu l-ħtiġijiet ta’ servizzi spiritwali kollha meħtieġa.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma’ Charles Spiteri





*Il-Pellegrini fi triqthom lejn il-Knisja ta’ Lourdes.*

# Pellegrinaġġ f’Egħluq il-Ġublew tad-Dehriet

Nhar is-Sibt 6 ta’ Diċembru, filgħaxija, fl-okkażjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni u ta’ egħluq il-Ġublew tad-dehriet ta’ Lourdes, fil-Knisja ta’ Sant’Antnin sar mument ta’ adorazzjoni speċjali, talb, kant u mima u wara mixja mill-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri għall-Knisja ta’ Lourdes, fejn il-pubbliku numeruż li attenda għal din il-manifestazzjoni, bix-xemgħat jixegħlu f’idejh, irreċita t-talba tar-rużarju b’mumenti ta’ kant ta’ innijiet sagri.



*Żifna Liturġika miż-żgħażagħ Għajnselmiżi fil-Knisja ta’ Sant’Antnin*


**B.G.B. Jeweller**

**Shop 65 Stockland,**
**Wethrill Park NSW 2164**
**Tel: (02) 9729 4966**



***L-isbaħ xewqat għal Milied u l-Ewwel tas-Sena lill-klijenti kollha u l-ħbieb tagħna Maltin u Għawdxin***

**Speċjalisti ta’ ġojjelli maħduma bl-idejn bħal ċrieket tal-‘engagement’, tiġijiet u ħafna oħrajn**
**Ixtru deheb bi prezz moderat minn fuq il-Catalogue tal-Milied jew 30% discount għal dawk li m’humiex fih.**